MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2003

Avviz Numru. 123/2001/1

Rikors Nru:- 123/01DM

Mario Gauci

Vs

Oliver Ruggier

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenut ghal hlas ta' somma ta' erba' mija u hamsin liri Maltin (Lm450) liema ammont jinkludi ukoll il-VAT u dana bhala hlas ta' spejjes u xoghol ta' spray li sar fuq istruzzjonijiet tieghu f'Jannar 2000 fuq il-vettura Citroen metallic green.

Bl-ispejjes tal-avviz, komprizi tal-ittra ufficjali (dok A annessa mal-avviz) kif ukoll bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali datata 9 ta' Awissu 2000

annessa mal-avviz, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Oliver Ruggier fejn eccepixxa illi :

1 Preliminarjament, l-avviz odjern hu wiehed irritu u ghalhekk null u bla effett, stante illi l-konvenut mhuwiex il-legittimu kontradittur, u dan ghaliex m'huwiex il-proprjetarju tal-vettura li fuqha saru x-xogholijiet u l-ispejjez in kwistjoni;
2 In meritu u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talba attrici, in ogni kaz, hija wahda eccessiva, stante illi x-xoghol ta' spray li sar fuq l-istess vettura, ma sarx skond is-sengha u l-arti, u ghalhekk ma sarx sew;
3 Di piu', sussegwentement gew sofferti danni ngenti minhabba x-xoghol hazin imsemmi fit-tieni paragrafu, liema xoghol gie maghmul mill-attur innifsu;
4 Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra l-attur;
5 Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet tas-27 t' April 2001 fejn gie nominat lil Joseph Zammit bhala perit tekniku.

Rat id-digriet taghha tat-12 t'April 2002 fejn irrevokat id-digriet taghha tas-27 t'April 2001 u ddiregiet lill perit tekniku sabiex jipprezenta l-verbali tas-seduti accessi minnhu mizmuma.

Semghet il-provi li gew prodotti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-kontendenti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi ghalkemm il-konvenut ikkontesta t-talba attrici huwa ma pproduca ebda prova in sostenn tal-eccezzjonijiet minnhu sollevati u lanqas ma pprezenta l-vettura li fuqha sar ix-xoghol, sabiex din tkun tista' tigi ezaminata mill-espert tekniku u jkun jista' jigi kkonstatat jekk ix-xoghol ghall-ispray li sar mill-attur kienx maghmul skond l-arti w is-sengha..

Minn-naha l-ohra, l-attur offra d-deposizzjoni tieghu u anke pproduca bhala xhud lil Raymond Farrugia u jirrizulta ampjament illi l-vettura li fuqha sar ix-xoghol kienet mehuda ghand l-attur mill-konvenut , Oliver Ruggier, illi kien il-persuna li ordna x-xoghol ta' spray fuq din il-vettura, u ghaldaqstant irrespettivament minn min jistgha jirrizulta illi huwa l-proprjetarju ta' din il-vettura, in-ness guridiku jibqa' dejjem bejn l-attur u l-konvenut li jirrizulta anzi illi huwa l-unika persuna illi huwa tenut illi jghamel tajjeb ghax-xoghol illi ghamel l-attur fuq istruzzjonijiet espressi tieghu.

Minn-naha l-ohra ma tirrizulta ebda prova illi x-xoghol maghmul mill-attur ma kienx skond l-arti w is-sengha u ghaldaqstant, il-Qorti qieghdha tirrespingi l-eccezzjonijiet kollha sollevati mill-konvenut u qeghdha ghalhekk tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma mitluba ta' Lm450 (erba' mija u hamsin lira Maltin) bl-imghaxijiet legali b'effett mil-11 t'Awissu 2000;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------